**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Frar 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 140/17 JZM**

**Jeanne Borg**
**(I.D. 358588M)**

***kontra***

**Christian Zammit**
**(I.D. 463086M)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fl-14 ta` Frar 2017 li jaqra :–

*1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li damet diversi snin, liema relazzjoni spiccat ftit tax-xhur ilu;*

*2. Illi l-konvenut jiggestixxi negozju ossija hanut bl-isem ta` `Fruit Basket` u r-rikavat minn dan in-negozju dejjem ippercepih l-konvenut;*

*3. Illi l-esponenti, fuq medda ta` tlett snin qabel ma ntemmet dina r-relazzjoni pprestat servizzi lill-konvenut fin-negozju msemmi, liema servizzi kienu jsarrfu f`sighat twal relatati mat-tmexxija tal-imsemmi hanut;*

*4. Illi l-esponenti kienet tipprovdi medja ta` sitta u tletin siegha fil-gimgha f`servizzi fl-imsemmi hanut;*

*5. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta` flejjes dovuti lill-esponenti izda baqa` inadempjenti;*

*6. Illi l-esponenti taf personalment b`dawn il-fatti kollha hawn dikjatati.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara illi l-esponenti, fuq medda ta` tlett snin, prestat servizzi fin-negozju tal-konvenut u liema servizzi ghandhom jigu kumpensati.*

*2. Tillikwida anke bl-opera ta` periti nominandi dik is-somma dovuta lill-esponenti mill-konvenut bhala hlas ghas-servizzi prestati minnha lilu fin-negozju tieghu.*

*3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 92/2017 u tal-ittra ufficjali bin-numru 4124/16 datata s-26 ta` Dicembru, 2016 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali msemmija kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat l-elenku ta` dokumenti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-<u>17 ta` Marzu 2017</u> li taqra hekk :–

***<u>Eccezzjonijiet</u> :***

1. *Illi preliminarjament ir-rikors guramentat huwa null u l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservenza tal-gudizzju stante li l-istess rikors ma jikkontjenix tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba kif irid l-artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, jehtieg li l-attrici tiddikjara sewwa x`inhi n-natura tal-azzjoni li intavolat stante li dan ma jirrizulta xejn car mir-rikors guramentat, u f`dan ir-rigward l-eccipjent jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri, inkluz eccezzjoni ta` preskrizzjoni tal-azzjoni, wara li n-natura tal-istess azzjoni tigi ccarata;*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jridu jigu ppruvati minnha;*

4. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, l-eccipjent qatt ma ngagga lill-attrici u qatt ma talab lill-attrici sabiex tipprestalu servizzi kif qed tallega l-attrici ;*

5. *Salv eccezzjoniet ulterjuri li jistghu jitressqu mill-konvenut skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni ta` l-fatti li taqra hekk :-

1. *Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu numru 1. tar-rikors mahluf mhumiex kontestati. Huwa minnu li l-partijiet kienu f`relazzjoni u li dina spiccat recentement u effettivament dan huwa l-qofol ta` kollox ghaliex din l-azzjoni giet intavolata mill-attrici b`sens ta` tpattija u ripikka biss sabiex tisfida lill-konvenut;*

*2. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu numru 2. tar-rikors mahluf mhumiex kontestati. Fil-fatt il-konvenut igib l-ghixien tieghu minn dan in-negozju, liema ghixien qed jigi mhedded mill-attrici bil-mandati kawtelatorji li hija ntavolat, liema mandati huma frivoli u vessatorji;*

*3. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu numru 3. tar-rikors mahluf huma kontestati. Il-konvenut qatt ma ngagga lill-attrici u qatt ma talabha tipprestalu servizzi kif allegat mill-attrici. Jigi nnutat ukoll li l-attrici lanqas ma taghti ebda hjiel ta` x`servizzi hija allegatament ipprestat fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Kif qalet l-attrici stess, hija kienet f`relazzjoni mal-konvenut, u kienet tkun fil-hanut tal-konvenut biss biex tkun fil-kumpanija tieghu u forsi xi kultant tghinnu xi ftit. Bhala fatt qatt ma kien hemm xi ftehim ghal prestazzjoni ta` servizzi jew xi ftehim dwar remunerazzjoni ghall-istess;*

*4. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafu numru 4. tar-rikors mahluf huma kontestati. L-attrici, fiz-zmien li qed issemmi, kellha mpjieg full-time u ma jistax ikun li kienet tipprovdi medja ta` sitta u tletin siegha fil-gimgha f`servizzi fil-hanut tal-konvenut;*

*5. Illi dwar dak dikjarat fil-paragrafu numru 5. tar-rikors mahluf, il-konvenut jiddikjara li bi twegiba ghall-interpellazzjonijiet tal-attrici, huwa dejjem irribatta billi qal li l-pretensjonijiet taghha huma nfondati, li huma skaturiti biss minn sens ta` tpattija u sfida, li ma jsibu l-ebda bazi fil-ligi, u li qed isiru b`mala fede;*

*6. Illi l-konvenut Christan Zammit jaf b`dawn il-fatti hawn dikjarati personalment.*

Rat l-elenku ta` dokumenti u l-lista tax-xhieda.

**Rat illi fl-udjenza tat-23 ta` Marzu 2017, l-attrici fissret illi bl-azzjoni taghha hija kienet qeghda titlob hlas ghal servigi resi lill-konvenut.**

**Rat illi in vista ta` din id-dikjarazzjoni, il-konvenut irtira l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.**

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi l-attrici ma pprezentatx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezenta l-konvenut.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Xiehda</u>

**<u>L-attrici</u>** xehdet li kellha relazzjoni ma` l-konvenut li damet sejra bejn disa` u ghaxar snin. Ir-relazzjoni intemmet madwar sitt xhur qabel saret il-kawza.

Stqarret illi xi erba` snin qabel xehdet, il-konvenut beda jopera hanut hdejn il-Knisja ta` l-Ibragg bl-isem 'The Fruit Basket'.

Xehdet illi kienet tmur il-hanut fis-6.30 a.m., biex tghinu jiftah il-hanut u kienet taghmel ix-xoghol li jkun hemm bzonn.

Spjegat li filghodu kienu jmorru tal-halib u tal-hobz, u hija kienet tghin sabiex kollox jitpogga fil-post qabel jibdew gejjin in-nies.

Imbaghad kienet tmur ghax-xoghol normali taghha fit-8.00 a.m. Hija tahdem fil-hanut bl-isem 'Drift' li jinsab ezatt faccata tal-hanut 'The Fruit Basket'.

Stqarret illi kienet tispicca x-xoghol normali taghha fl-4.00 p.m. Ghall-4.15 p.m. kienet tmur il-'Fruit Basket' sabiex tiehu hsieb id-*deliveries.* Wara li dan isir kienet terga` tmur il-hanut ghal xi 7.30 p.m.

Xehdet illi 'The Fruit Basket' kien ikun miftuh mit-Tnejn sal-Hadd mis-6.30 a.m. sal-10.00 p.m.

Kompliet tixhed illi qatt ma thallset ta` dak kollu li kienet taghmel.

Qalet li kienet taghmel id-*deliveries* bil-karozza taghha jew il-karozza ta` l-konvenut. Fuq medda ta` gimgha, kien ikun hemm erba` *deliveries* li gieli ghamilhom il-konvenut. Hija kienet tibqa` fil-hanut.

Spjegat li meta ma kienx ikun hemm *deliveries,* hija kienet titlaq u terga` tmur fil-hanut ghal xi 7.15 p.m. u taghmel hemm sa l-10.00 p.m.

Qalet li kienet tlesti l-*orders*, tahsel il-hanut u taghmel dak li jkun hemm bzonn.

Fil-hanut, kienu jahdmu l-konvenut u ohtha Cheryl Borg.

Stqarret li bejn is-6.30 a.m. u t-8.00 a.m. u bejn is-7.00 p.m. u l-10.00 p.m. fil-hanut kien ikun hemm zewg persuni flimkien. Hija gieli kienet tahdem wara nofsinhar meta kienet tkun *off* mix-xoghol normali taghha jew meta l-konvenut kien ikollu bzonn isiefer. Nhar ta` Sibt kienet ukoll tahdem hemm minn 12.00 p.m. sal-5.00 p.m. Meta l-konvenut kien ikun imsiefer, kienet tiehu *leave* mix-xoghol normali taghha biex tmur tiftah il-hanut tal-konvenut.

Kompliet tghid illi hija kienet tghin lill-konvenut anke meta kien *hawker* ; kienet tghinu nhar ta` Tnejn u Hamis, il-granet tal-Pitkalija.

Qalet illi l-ahhar li marret il-hanut kien f`Novembru 2016.

Stqarret illi meta kienet fir-relazzjoni mal-konvenut, kienet tghix ma` ommha izda gieli raqdet ghand omm l-konvenut, u dan gieli raqad ghand ommha.

Mistoqsija ghalfejn qatt ma sar ktieb tax-xoghol, sabiex minn ghoti ta` servizz jigi konvertit f`xoghol, hija spjegat li kienet kuntenta bix-xoghol normali taghha u ma riditx tahdem *full time* ma` l-konvenut. Mal-hanut Drift baqghet tahdem sa qabel Lulju 2016 ; imbaghad hadmet *part time* sakemm bdiet *full time* band`ohra.

Ipprezentat kopja tal-messaggi li kienet tircievi minghand il-konvenut relatati mas-servizz li kienet taghti lill-konvenut.

Ipprezentat l-*orders* li kienet taghmel ghall-konvenut u dan peress li tlieta mill-agenti ossija Filmic, Barilla u Calleja, kienu f`kuntatt maghha. Il-hanut tal-konvenut kien tal-merca. Il-*mobile number* taghha huwa 99715168 filwaqt l-*mobile number* ta` Calleja huwa 79079970.

Kompliet tixhed illi qabel ipprezentat il-kawza, hija nterpellat lill-konvenut biex ihallasha izda dan irrifjuta li jhallasha.

Ipprecizat illi bil-kawza tal-lum hija kienet qeghda tharrek lill-konvenut ghas-snin kollha ta` servizz li taghtu fil-hanut. Hija kellha miktuba is-sighat kollha li hadmet.

Qalet li gieli marret hi l-Pitkalija u ffirmat id-dokumenti hi.

Spjegat li hija kienet tircievi l-kont tat-telefon tal-hanut permezz ta` email u kienet tmur thallsu hi. Kienet tiehu hsieb il-problemi li l-konvenut kellu ma` Arms Limited.

Spjegat li kien hemm sett ta` dokumenti ta` FGL Entertainment Limited, li kienu jibghatu lilha fuq l-email address taghha. L-konvenut kien ghadu ma nfurmahomx biex jieqfu jibghatu dokumenti lilha.

Kienet tiehu hsieb ukoll il-facebook account tal-hanut.

Ikkonfermat li qatt ma hadmet *full time* ma` l-konvenut.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehdet illi kienet tmur il-hanut ghaliex il-konvenut kien jitlobha biex tmur specjalment is-Sibt. Filghodu kien iqajjimha biex titla` mieghu u tibqa` sejra ghax-xoghol. Hija kienet tghix mieghu.

Bhala *deliveries*, hija kienet tmur il-Madliena u l-Kappara. Dawn id-*deliveries* kienu johdulha madwar kwarta jew ghoxrin minuta biex isiru. Kien

ikollha mhux aktar minn *delivery* wahda kuljum. Gieli kienet tuza l-vettura ta` l-konvenut ghalkemm kellha l-karozza taghha, izda mbaghad kienet thallas minn taghha l-ispejjez relatati mal-vettura tal-konvenut.

Mistoqsija jekk kinitx taghti daqqa ta` id lill-konvenut ghaliex ohtha ma kinitx taghti x-xoghol li suppost kienet obbligata taghti fil-hanut, hija sostniet li ma kinitx tkun hemm fil-hanut meta ohtha kienet tkun hemm. Cahdet li kienet taghmel ix-xoghol ta` ohtha ghaliex ohtha u kienet taghmel xogholha. Ohtha ma baqghetx tahdem fil-hanut wara li hi u l-konvenut ma baqghux flimkien.

Stqarret illi nhar ta` Sibt u nhar ta` Hadd kienet tahdem gurnata shiha. Qalet li l-konvenut kien siefer darba. Kemm hi u kif ukoll missierha kemm-il darba ghenu lill-konvenut jghabbi u jnizzel mill-vann, u jarma kemm il-hanut u kif ukoll il-vann. Ohtha kienet impjegata ma` l-konvenut *part time* u kienet tithallas kull tlett gimghat, mentri hi ma kenitx impjegata tieghu u qatt ma rceviet hlas tal-prestazzjonijiet taghha. Gieli hadet mill-hanut xi affarijiet u ma kinitx thallas taghhom.

Tghid li ma tiftakarx li meta l-konvenut talabha l-flus tal-hrug, sigaretti, karozza u ohrajn hija kienet wegbitu li dawk kienet hadmet ghalihom fil-hanut. Cahdet li hija qatt tat in-numru tat-telefon taghha lill-agenti. Hija kienet taghmel biss l-ordnijiet. Ikkonfermat li l-agent tal-Barilla kien jigi minnha.

Cahdet li l-konvenut kien ilu ghal dawn l-ahhar sentejn jitlobha biex jitterminaw ir-relazzjoni taghhom.

Spjegat li f`certu punt il-konvenut kien talabha titlaq mix-xoghol li kellha sabiex tibda tahdem *full time* u mhux *part time* mieghu.

Dwar hinijiet, ipprecizat illi dak li kienet tnizzel fid-diary kienu l-hinijiet li kienet taghmel meta l-konvenut kien ikun bil-vann, mhux il-hinijiet li kienet taghmel fil-hanut.

Sostniet li hija kienet thallas minn flusha l-kontijiet tal-GO u tal-ARMS. Hija kienet tircievi l-emails fuq l-email taghha ghaliex dawn ma baqghux jidhlu fl-email ta` l-konvenut u gew trasferiti ghal fuq l-email taghha.

**Sandra Micallef** xehdet li kienet ilha tahdem ma` l-attrici ghal 11-il sena go *stationery* u *coffee shop* bl-isem *Drift* li jigi faccata tal-hanut tal-*boyfriend* ta` l-attrici. Tghid illi meta l-attrici kienet tispicca mix-xoghol, hija kienet tmur tahdem fil-hanut ta` dak li kien il-*boyfriend* taghha. Kienet il-hin kollu ghaddejja. Hija personalment kienet tmur tixtri minn dan il-hanut u kienet taraha hemm kif ukoll gieli tat l-ghajnuna taghha.

Qalet li l-attrici kienet tordna l-affarijiet, taghmel il-prezzijiet, tiehu hsieb tippostja l-affarijiet, kif ukoll kienet tiehu hsieb hlasijiet u kontijiet.

Taf illi qabel fetah dak il-hanut, l-attrici kienet tghin lill-konvenut fix-xoghol tieghu bil-vann. Ikkonfermat li fil-hanut *Drift*, l-attrici bdiet tahdem *part time* u mbaghad saret *full time.* L-attrici kienet tmur tghin fil-hanut ta` l-ex *boyfriend* kemm qabel kif ukoll wara x-xoghol taghha. Kienet tahsel l-art u tara li jitnehhew l-*items* skaduti.

Safejn taf hi, l-attrici kienet tmur torqod ghand il-konvenut. Fil-fatt kienu jghixu flimkien.

Fil-**kontroezami**, xehdet li ma kinitx tkun il-hin kollu gol-hanut izda hija kienet tara b` ghajnejha dak li qed jigri peress li kienet tmur gol-hanut ta` l-konvenut.

**Anna Zelbts** xehdet illi hija taf lill-attrici fil-hanut l-Ibragg li jigi faccata ta` *Drift.* Illum-il gurnata, m`ghadhiex tmur hemm ghax marret toqghod band`ohra. Kienet tara lill-attrici tbiegh minn dak il-hanut. Kienet tkun mal-*cash* u kienet taraha tizen.

In **kontroezami**, xehdet li kienet sempliciment tmur tixtri. Ma kienet taf xejn dwar kwistjonijiet personali bejn l-attrici u l-konvenut. Qalet li kienet damet ma saret taf li l-konvenut kien il-*boyfriend* ta` l-attrici. Meta kienet tmur hi, kienet tara dejjem lill-attrici fil-hanut.

**Frank Muscat** xehed illi ghandu *salon* l-Ibragg fl-istess inhawi ta` l-hanut bl-isem *The Fruit Basket.* Qal li huwa kien jara lill-attrici dejjem fil-hanut fejn kienet taghmel prattikament kollox. Huwa kien jaf lill-konvenut ukoll u kien ukoll jarah hemm fil-hanut.

Fil-**kontroezami,** stqarr illi ma jafx x`arrangamenti kien hemm bejn il-kontendenti. Huwa kien jaf li l-partijiet kienu namrati. Huwa kien jara lill-attrici mit-8.30 a.m. sas-6.00 p.m. mit-Tnejn sas-Sibt.

**Horace Borg** xehed illi l-attrici hija bintu.

Xehed illi l-attrici kienet kull filghodu tmur ma` l-konvenut tiftah il-hanut tieghu, tohrog l-affarijiet mieghu u mbaghad tmur ghax-xoghol normali taghha. Kif tispicca mix-xoghol taghha, kienet terga` tmur tghin lill-konvenut. Kienet iddum sal-10.00 p.m. jew il-11.00 p.m.

Qal li meta l-konvenut wegga` idejh jew ghamel xi operazzjoni, huwa kien imur isuq il-vann tal-konvenut il-Pitkalja u jaghtih daqqa t` id ukoll. Anke martu gieli ghenet fid-*deliveries.*

Kompla jixhed illi n-nies kienu jahsbu li hu u l-konvenut kienu qeghdin bi shab fin-negozju tal-hanut.

Qal li huma ma baqghux jghinu fil-hanut meta l-konvenut hassar minn ma` bintu.

Sostna li meta spiccat ir-relazzjoni ta` bejn il-partijiet, huwa ma marx jitlob lill-konvenut flus ghal dak kollu li ghamlet bintu fil-hanut.

Huwa dejjem hallas ghal dak li kien jiehu mill-hanut, inkluz sigaretti.

Fil-**kontroezami,** huwa xehed illi apparti z-zmien meta l-konvenut kien imwegga` jew kien qed jaghmel operazzjoni, huwa gieli mar jghinu f`okkazjonijiet ohra. Kien imur kull meta kien ikun *off,* specjalment jekk ikun it-Tnejn jew il-Hamis, minhabba li dakinhar ikun hemm il-Pitkalija.

Qal li l-hanut kien imqabbad ghalkemm fl-inhawi tieghu kien hemm hwienet ohra. Il-hanut ghadu miftuh sa llum.

**Steve Colombo** xehed illi huwa jahdem bhala *sales representative* mal-kumpannija Tancred V Camilleri. Huwa kien jiehu hsieb il-kont li kellu l-hanut bl-isem *The Fruit Basket* li jinsab l-Ibragg. Il-hanut jixtri

minghandhom ghagin, *sauces, crackers,* halib, gallettini u diversi affarijiet ohra. Il-hanut kien ilu jixtri minghandhom mill-2014 u hu kien imur il-hanut qisu darba kull hmistax.

Stqarr illi l-ordnijiet kien jircevihom jew permezz ta` messaggi bit-telefon minghand l-attrici li kienet tiehu hsieb il-hanut jew inkella kien hu imur personalment u l-attrici kienet taghtih l-ordni tal-bzonnijiet taghhom.

Qal li kien rari hafna li rcieva xi ordnijiet minghand il-konvenut li llum sar jaf li huwa s-sid tal-hanut.

Fi zminijiet ricenti ma baqax imur il-hanut ghaliex l-ordnijiet ghal xi raguni waqfu.

<u>**Il-konvenut**</u> xehed illi huwa ghandu hanut tal-merca l-Ibragg, mnejn ibiegh anke l-haxix.

Huwa kien ikun jahdem hemm mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. Mieghu kienet tahdem oht l-attrici Maria.

Gieli kien imur jghinu missier l-attrici, ghax oht l-attrici ma kienet taghmel xejn. Ghalhekk kienu jmorru missier l-attrici u l-attrici biex jaghmlu l-affarijiet li suppost kellha taghmel oht l-attrici.

L-attrici kienet tqatta` tliet sighat xoghol l-aktar li minnhom kienet tqatta` siegha u nofs tirranga fejn ohtha tkun m`ghamlitx.

Qal illi huwa kien jghix ma` l-attrici ghand ommu. Damu ghaxar snin flimkien. Fl-ahhar tliet snin, kien ighid lill-attrici li ried jieqaf mir-relazzjoni izda imbaghad kien joqghod lura milli jhassar.

Sostna li gieli jkollu zewg xirjiet fil-gimgha mixtrija minn persuna Amerikana u ohra mill-Kappara. Spjega li l-hanut tieghu ma kienx wiehed li bhala regola kien joqghod jaghmel *deliveries*. L-attrici kienet tiehu dawn ix-xirjiet. L-attrici kienet tmur tghinu fil-hanut filghodu bejn is-7.00 a.m. u t-8.00 a.m. u bejn is-7.30 p.m. sad-9.00 p.m. jew id-9.30 p.m.

Stqarr illi l-attrici kienet tmur ghal ohtha peress li din ma ssuqx u mbaghad kif tkun hemm, kienet tiehu x-xirja li jkun ghal *delivery,* jekk kien ikun hemm.

Sahaq illi nofs ix-xoghol li kienet taghmel l-attrici kien biex tghatti n-nuqqasijiet ta` ohtha u b`hekk tevita li ohtha titkecca mill-impieg. Qal li huwa kellu messaggi li jikkonfermaw dan, fejn kien jghid lill-attrici li jrid jittermina l-impjieg ta` ohtha, izda mbaghad spicca hassar dawk il-messaggi.

Kompla jixhed illi huwa ghandu karozza BMW 5 Series li kien xtara ghall-prezz ta` EUR 45,000. L-attrici kienet dejjem tigri b`dik il-vettura. Xtara l-karozza meta kellha 90,000 km u spiccat b`150,000 km. Min-naha tieghu kien juza l-vettura l-aktar darba fil-gimgha. L-attrici kienet thalli l-vettura bla fuel u kien ikollu jiehu hsieb hu. Kull fejn kienu jmorru kien ihallas hu. L-attrici kienet tiehu mis-sigaretti tieghu jew tiehu pakketti mill-hanut u ma thallasx. Sostna li l-attrici kienet tistaqsi lil ommu x` sajret halli jekk ma joghgobhiex l-ikel, tnizzel l-ikel mill-hanut tieghu. Qal li huwa qatt ma kien jghidilha xejn peress li kien iqis li la tghinu fil-hanut, huwa ma ghandux ghalfejn jitlobha l-flus.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm certu *understanding* li la l-attrici taghtu dan it-tip ta` servizz, huwa kellu jaghtiha certu affarijiet, huwa sostna li meta spiccaw ir-relazzjoni, l-attrici talbitu lura EUR 1,000 li kienet selfitu ghal *jet ski.* Huwa kien irrispondiha li dawk il-flus ma kinux dovuti ghaliex kien hu li kien ihallsilha kollox, izda l-attrici kienet irrispondietu li l-hlasijiet li kien jaghmlilha, tathomlu u hallsitu f` xoghol. Semmielha s-sigaretti u l-uzu tal-karozza tieghu, izda l-attrici nsistiet li hija ma talbitux ta` qabel ghax dawk qaltlu biex izommhom. Talbitu biss l-EUR 1,000 tal-*jet ski.*

Qal illi jekk l-attrici ghamlet mieghu oggett wiehed huwa ghamel maghha ghaxra.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehed illi l-attrici damet tghin kif spjega fil-hanut ghal madwar erba` snin u nofs mit-Tnejn sal-Hadd.

Ikkonferma li kellu jaghti lill-attrici €1,000 tal-jet ski.

Kien hemm €2,150 ohra li sellfitu izda hafrithomlu ghaliex kienet taf kemm hallsitha affarijiet u kemm ghamel maghha.

Stqarr illi huwa ghamel kawza lill-attrici sabiex din tikkumpensah ghall-uzu tal-karozza li ghamlet seba` snin tigri biha, ta` kemm hallsilha id-drabi kollha li hargu flimkien, ta` kemm ikkonsmat sigaretti u ta` kemm kielet ghand ommu.

**III. <u>Hlas ghal servigi</u>**
**<u>(Dritt u gurisprudenza)</u>**

**In-natura ta` l-azzjoni kienet ipprecizata mill-attrici fl-udjenza tat-23 ta` Marzu 2017 fejn iddikjarat illi l-kawza kienet <u>azzjoni ghal servigi</u> resi mill-attrici lill-konvenut fit-tmexxija tal-hanut bl-isem *The Fruit Basket* l-Ibragg.**

Il-hlas ghal servigi mhuwiex fost dawk annoverati fl-Art 1233(1) tal-Kap 16 li jesigi l-forma miktuba *ad substantiam vel probationem.*

Il-prestazzjoni ta` servigi hija meqjusa bhala ghamla ta` kwazi-kuntratt.

Il-kwazi-kuntratt huwa definit bl-Art 1012 tal-Kap 16 bhala *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Persuna li tippresta servigi ghandha dritt ghal kumpens ghar-raguni li tkun qeghda taghti vantagg lill-persuna li tkun qeghdha tircievi dawk is-servigi. Mal-medda tas-snin, il-qrati taghna aggustaw u aggornaw il-mod kif jittrattaw is-servigi u l-hlas taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet **'<u>Giuseppina Deidun et vs Emila Poggi et</u>'** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru 1954 inghad hekk :-

> *Il-kumpens ghal servigi prestati jista` jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U*

*fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta` parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens.*

*Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi susseggwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.`*

Kien ritenut illi meta kienu rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta` hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti cahdet it-talba ghall-hlas.

Fil-kawza fl-ismijiet '**Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe'** li kienet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta` Frar 1958 kien osservat illi :-

*`Azzjoni ghall-hlas ta` kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke` ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f` liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta` importanza f`kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta` min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita`, kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li*

> *persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b`persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta` hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista` tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f`dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta` fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b`persuna li tkun kuntenta b`retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 1935 fil-kawza '**Mifsud vs Briffa'** inghad illi :

> *"... anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza tal-kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela".*

Fis-sentenza li tat fil-25 ta` April 2002 fil-kawza '**Caruana vs Mallia'** (Kollez. Vol. LXXXVI.iii.174) din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi kull servigi, ukoll moghtijin lill-qraba ta` dak li jkun, jitqiesu li jkunu nghataw bit-tama ta` kumpens jew hlas sakemm ma jintweriex li dak il-qadi nghata bla hsieb ta` kumpens jew hlas.

Fid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-11 ta` Marzu 2017 fil-kawza fl-ismijiet '**George Olof Attard vs Bubbly Trading Limited et**' inghad hekk :-

> *That, from the strictly legal perspective, it is necessary to underline the following principles regulating the actions for compensation for services rendered such as the one hereby being considered:*
>
> *It has been established that the action is founded on two elements: the quasi-contract and the presumption that whoever renders services to third parties does so in the understanding that he will be paid. Apart from this, it has been longtime accepted that the compensation for services rendered is due not only `jure actionis`, that is, when it has been so agreed, but also `officio judicis, that is, when from*

*the circumstances of the case it transpires that whosoever carried out those services did so with the intention of getting paid or that payment was promised to him. In order to determine if a person had the idea or expectation of getting paid, one should determine the moment at which such services were rendered, this given that supervening circumstances cannot serve to create retrospectively a right for payment contrary to the original intention of the parties." (**Joseph Portelli et. v. Rik Limited** decided by the Hon. First Hall Civil Court on the 16th December, 2003)*

*That in this case it is amply clear that, beyond the different versions offered by the parties, the plaintiff was definitely carrying out his services with the clear and declared intention even `a tempo vergine` of getting paid precisely through the sum claimed by him in this case....*

*... It is clear that plaintiff did play an important if not instrumental role in the timely setting up of both companies and that the companies are still benefitting from the services rendered by him. Hence, the Tribunal, having considered all of the above will proceed to accede to plaintiff`s claim... »*

**Fl-istat tal-gurisprudenza taghna kif inhi fil-prezent, hemm presunzjoni *juris tantum* li kwalunkwe servigi rezi jkunu qeghdin jigu rezi bl-isperanza ta` kumpens. Min jallega li s-servigi saru b`xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa` l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta` hlas.**

Dwar il-**quantum tas-servigi**, tajjeb jinghad illi huwa biss meta ma jkunx miftiehem specifikament x`tip ta` kumpens ser ikun dovut illi l-Qorti tista` tillikwida tali kumpens *arbitrio boni viri* jew bl-assistenza ta` esperti (ara – **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil** – PA - 28 ta` Mejju, 2003). Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens li ghandu jithallas, il-gurisprudenza taghna elenkat lista ta` fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni :-

(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna
(ii) il-frekwenza tas-servigi
(iii) in-natura tas-servigi

(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex inghataw is-servigi

(v) il-grad ta` hila jew specjalizzazzjoni li jkunu esercitati fit-twettieq tas-servigi

(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna koncernata tkun inkorriet spejjez jew infieq minn taghha

(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun hadet vantagg mill-prestazzjonijiet.

(ara : **<u>Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et</u>** - 28 ta` April 2011 ; **<u>Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et</u>** - 31 ta` Mejju 2002)

Fil-bicca l-kbira tas-sentenzi, il-kumpens ma jammontax ghal somom gholjin (minkejja l-aspettativi ta` l-persuni li jkunu pprestaw is-servigi) peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta` parentela.

Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius'</u>** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet :-

> *Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "**<u>Zammit et vs Farrugia Sacco noe</u>**" deciza fit-28 ta` Gunju, 1982.*

**Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju 1989 fil-kawza '<u>Delicata vs Saliba</u>' inghad illi ghax id-dritt ghall-hlas ta` servigi huwa bbazat fuq kwazi-kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni *ut sic* izda trid titqies fil-kuntest ta` fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Ghalhekk il-metodologija tal-kalkolu tal-kumpens qatt ma tkun tekwivali b`mod aritmetiku il-valur tax-xoghol li jkun sar.**

F`sentenza aktar recenti li tat fit-2 ta` Mejju 2016 fil-kawza '**<u>Francis Mizzi et vs Roseann Galea et</u>**' il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati servigi estensivi minn zewg persuni b`mod kontinwu lil persuna li kienet *bed-ridden* akkordat l-ammont ta` €70 fil-gimgha ghal kull wahda miz-zewg persuni.

Sentenza ohra rilevanti kienet dik moghtija fid-9 ta` Marzu 2017 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet '**Bartolomeo Zarb vs Luigia Borg**'. It-talba principali kienet sabiex ikun dikjarat li l-attur ippresta servigi lill-konvenuta billi ha hsieb il-manutenzjoni ta` fond. Min-naha taghha l-konvenuta cahdet li l-attur ghandu xi jedd ghall-hlas ta` servigi.

Il-Qorti ghamlet dawn ir-rilievi :-

> *L-intenzjoni tal-gratwità u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi m`ghandhomx jigu akkolti facilment (ara **Carmel Debono et vs Rosaria Debono** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Mejju 2007). Fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma jidhirlix li jirrizultaw fatti u cirkostanzi li juru b`mod konklussiv li ma kienx hemm il-hsieb da parti tal-attur li jithallas ghal kwalunkwe servigi rezi minnu.*
>
> …
>
> *Dwar il-kumpens dovut ghal servigi rezi, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** tal-11 ta` Dicembru 2003 irriteniet illi :*
>
> *"Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawza, **"Vassallo vs Aquilina"**, deciza fid-29 ta` Gunju, 1982, qalet li wiehed ghandu jzomm f`mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta` l-attur mal-konvenut. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom."*
>
> *Inghad ukoll fl-istess sentenza :*

*"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "**__Zammit et vs Farrugia Sacco noe__**" deciza fit-28 ta` Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza **__"Buhagiar noe vs Mifsud noe",__** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta` natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghand id-de cuis u taghmilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta` LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta` wara, meta d-de cuius kienet ta` sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta` LM 3 fil-gimgha.*

*Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista` jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f`ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta` parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta` servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **__"Delicata vs Saliba"__**, deciza fit-22 ta` Mejju, 1989, hi bazata fuq kwazi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kolha partikolari tal-kaz. Hekk, fil-kawza **__"Agius vs Galea"__**, gia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju..."*

*Il-Qorti zzid ma dan kollu li ghandu jigi kkunsidrat ukoll ai fini ta` kumpens il-beneficcju jew kumpens digà godut mill-persuna li tkun ipprestat is-servigi. F`dan il-kaz hemm qbil bejn il-partijiet illi lill-attur il-konvenuta kienet gieli tghaddilu xi haga tal-flus*

*kif ukoll illi l-attur kien ha ghalih xi ghamara mill-proprjetà taghha.*

*Il-Qorti tqis illi bhala xoghol li allegatament kien jaghmel fid-dar tal-konvenuta, l-attur isemmi li kien jiknes il-bjut u btiehi u jnaddaf. Huwa jzid jghid illi kien jaghmel manutenzjoni fil-bejt kif ukoll jixtri materjal bhal cement sabiex ikahhal meta jkun hemm il-bzonn, ghal liema materjal qatt ma thallas. Il-Qorti tosserva li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar kemm kien allegatament jonfoq f`materjal, kif lanqas ma ressaq imqar xhud wiehed sabiex jissostanzja l-verzjoni tieghu… Kien jispetta lill-attur li jressaq prova cara dwar il-frekwenza u natura vera tas-servigi li rrenda lill-konvenuta u mhux jistrieh fuq stqarrijiet generici da parti tieghu dwar ix-xoghol li allegatament kien jaghmel fid-dar taghha. Mill-ftit provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe servigi li gew rezi mill-attur f`dan il-kaz ma kinux ta` natura wisq impenjattiva. Il-Qrati taghna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-beneficcjarju jkun totalment dipendenti fuq persuna ohra anke ghall-affarijiet izjed intimi izda c-cirkostanzi tal-kaz tal-lum m`humiex hekk.*

….

*Kollox ma kollox, u fin-nuqqas ta` prova oggettiva u konklussiva sabiex jigi stabbilit il-vera natura tas-servigi rezi mill-attur favur il-konvenuta, il-Qorti hija tal-fehma li ghal kwalunkwe servigi li rrenda l-attur lill-konvenuta, huwa gie adegwatament kompensat bil-flus li kienet tghaddilu kif ukoll bl-ghamara li huwa stess jghid illi ha mid-dar taghha u ghaldaqstant, m`huwiex dovut lill-attur ebda kumpens iehor. »*

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta` Gunju 2016 fil-kawza fl-ismijiet '**Kim Wright Vs Jacqueline Farrugia'** inghad hekk :-

*Fis-sentenza **Giuseppe Borg et vs. Emanuel Azzopardi**, deciza fid-19 ta` Mejju 2005, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk :*

*"Illi dwar il-pretensjoni tal-imharrek ghall-kumpens jew hlas ta` servizzi moghtija jehtieg li l-*

*kwestjoni titqies b`reqqa akbar. Huwa stabilit li l-bazi ta` azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien: jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta` dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta` servigi jista` jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b`lura dritt ta` fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu;*

*Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m`hijiex ta` xkiel ghal sejbien ta` responsabblita` ghall-hlas ta` servigi. Ghalhekk, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha li fihom ikunu nghataw is-servizzi biex minnhom wiehed jipprova jsib x`kienet tassew il-fehma kemm ta` min ta s-servizz u, wisq aktar, ta` min tahom."*

*Issa mill-provi huwa car li l-kontendenti kellhom relazzjoni stabbli u kienu jikkoabitaw bhala mara u ragel. Huma kienu qed jahsbu biex jizzewwgu u l-attur, permezz ta` presta nome kien anke ghamel konvenju fuq dar biex eventwalment jixtriha u jmorru joqghodu fiha. F`dawn ic-cirkostanzi, fl-opinjoni konsiderata ta` din il-Qorti, il-konvenuta meta tat id-diversi servizzi li tat, ma kellha l-ebda intenzjoni li tithallas taghhom, imma ghamlithom ghax hi kienet thobb lill-attur u kienet qieghda timmagina li se tqatta` l-bqija ta` hajjitha mieghu.*

*Fis-sentenza* ***Maria armla minn Paul Pace et vs. Maria Melita Cachia et****, deciza fis-16 ta` Gunju 2003, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:*

*"Id-defunt u l-konvenuta Maria Melita Cachia kienu jikkoabitaw flimkien bhala mara u ragel. U ghalhekk, kif sewwa ikkontempla l-perit legali "bhal ma go familja legali huwa nkoncepibbli illi dak li taghmel il-mara ghal zewgha jikkostitwixxi servigi*

*li jsiru bl-idea li dawn jigu kompensati, daqshekk iehor jista` jinghad li l-konvenuta qatt kellha l-intenzjoni li tithallas tas-servigi." Dippju jidher ukoll mill-provi illi kull dritt ghal hlas ta` servigi li talvolta seta` kien hemm jidher li gie sew kompensat bis-somministrazzjoni ta` hlasijiet fil-gimgha u bil-laxxitu tal-legat. Konsegwentement din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni espressa mill-perit relatur illi fil-kaz in ispecie ma huwa dovut l-ebda kumpens, anke ghaliex ma rrizultat l-ebda intenzjoni la da parte tad-decujus u lanqas tal-konvenuta illi jsir kumpens bhal dan;"*

*Ghalkemm m`hemmx qbil bejn il-kontendenti jekk l-attur kienx jaghti flus fil-gimgha lill-attrici sabiex tkopri l-ispejjez tas-servizzi u l-ispejjez tal-ikel, l-attur ukoll irrenda servizzi lill-konvenuta billi ifformula l-business plan ghas-salon taghha u hadha mieghu xahar btala New Zealand. Barra minn hekk, kif il-Qorti ikkonkludiet aktar il-fuq, huwa ta` somma konsiderevoli bhala donazzjoni sabiex tkun tista` tikri l-post u tixtri l-affarijiet biex tiggestixxi s-salon taghha.*

*Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, it-talba tal-attrici ghal hlas tas-servigi hija ritaljazzjoni ghall-fatt li l-attur fetah il-kawza kontriha, u kieku huwa ma fetahx din il-kawza, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li titlob hlas ghas-servigi li kienet tat.*

*Fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, mhux necessarju li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kwistjoni jekk il-konvenuta tatx lill-attur, is-servigi kollha li tallega li tat.*

## IV. Risultanzi

Irrizulta li l-attrici effettivament kienet tkun fil-hanut tal-konvenut biex tghinu fit-tmexxija tal-hanut bejn is-6.30 jew 6.45 a.m. sat-8.00 a.m. u bejn is-7.15 p.m. sakemm jinghalaq il-hanut ghal habta tad-9.30 jew l-10.00 p.m. mit-Tnejn sal-Hadd.

Irrizulta li l-assistenza tal-attrici kienet tinkludi *deliveries* lil klijenti tal-hanut meta dan is-servizz kien ikun rikjest mill-klijenti. Jidher illi bhala medja ma kinux isiru aktar minn erba` *deliveries* fil-gimgha.

Il-konvenut jiddefendi ruhu mill-azzjoni attrici kif dedotta billi jghid illi huwa qatt ma ngagga lill-attrici jew talabha biex tipprestalu servizzi fil-hanut tieghu. Sahaq illi nofs il-hin li kienet taghmel fil-hanut kien ikun biex tpatti u taghmel tajjeb ghax-xoghol li ohtha ma kenitx taghmel jew tittraskura li taghmel ghalkemm kienet impjegata mieghu.

Din il-Qorti gharblet b`reqqa x-xiehda kollha, in partikolari d-deposizzjoni tal-konvenut.

Il-konvenut jaccetta li kien biss nofs il-hin u allura nofs ix-xoghol li kienet taghmel l-attrici biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta` ohtha.

Ghal din il-Qorti dan ifisser illi n-nofs l-iehor tal-hin u allura nofs it-totalita` tax-xoghol li kienet taghmel kien jikkonsisti minn hidma li kienet tippresta hi fil-hanut indipendentement minn dak li kienet taghmel ohtha.

Fix-xiehda tieghu, il-konvenut mhux jikkontesta li l-attrici kienet tghinu fil-hanut pero` jikkontendi li m`ghandhiex jedd tavvanza xi pretensjoni biex tithallas stante li ghal li ghamlet kienet thallset adegwatament billi (i) kien ihallas hu biss meta kienu johorgu flimkien ; (ii) kienet tiehu affarijiet ta` l-ikel u anke sigaretti mill-hanut bla ma thallas ; (iii) kienet tiekol ghand ommu bla hlas ; (iv) kienet taghmel uzu mill-vettura tieghu bla hlas inkluz il-fuel.

Ghal din il-Qorti, il-linja difensjonali tal-konvenut kif kompliet tisvolgi bid-deposizzjoni tieghu tikkonferma li l-intendiment da parti tieghu kien li minflok ihallas fi flus lill-attrici ghas-servizzi li kienet trendi huwa kien hallasha *in kind*. Dan ikompli jfisser li l-attrici pprestat servigi li kienu ghall-vantagg tal-konvenut fin-negozju tieghu, u ghalhekk kellha jedd ghall-hlas ta` kumpens.

Il-Qorti hija moralment konvinta u accertata li fl-imgieba tal-attrici ma kienx hemm l-intenzjoni ta` gratuwita` jew ta` rinunzja ghall-kumpens. Del resto min ikun irid jaqdi lil haddiehor ma jzommx djarju tal-hinijiet li jkun ghamel, anke jekk in-notamenti li kienet izzomm l-attrici kienu ghaz-zmien meta l-konvenut kien jopera bhala *hawker* mhux ghaz-zmien meta l-konvenut

beda jopera l-hanut. Fi kwalunkwe kaz, huwa evidenti li l-attrici kienet previdenti u hasbet fl-eventwalita` li jinqala` l-maltemp fir-relazzjoni li kellha mal-konvenut.

Kif jirrizulta mill-gurisprudenza citata aktar kmieni, dak li ghandu jigi ezaminat sabiex ikun accertat hemmx lok ghal kumpens huwa l-mument meta gew prestati s-servigi. Fatti li gew wara m`ghandhomx effett retroattivament biex jinghad illi ma kienx hemm l-intenzjoni tas-servigi. Fil-kaz tal-lum, meta kienu rezi s-servigi, kien hemm il-hsieb ta` l-hlas.

Dan premess, il-Qorti tqis li l-eccezzjoni tal-konvenut bl-ebda mod ma tista` tesonera lill-konvenut mill-obbligu tal-hlas.

Il-Qorti se taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens spettanti lill-attrici.

Se tibda l-ewwel billi tqis l-esborsi ta` flus li ghamel jew inkorra l-konvenut ghall-beneficcju tal-attrici.

Il-konvenut ipprezenta bhala prova kopja ta` l-messaggi skambjati mal-attrici fejn inghad hekk :-

> *Attrici (A) :*
>
> *Chris tista` tlestili ilEUR 1000 li tajtek meta xtrajt l-jetski ghax ghandi bzonnom nigi alijom wara ix xoghol.*
>
> *Konvenut (K) :*
>
> *hathom mil ikel li halstlek kul darba li hrigna 50 euro kul darba.*
> *Jien ukoll qaltlek biex igibli l-berrita imma ma gibtiex l anqas.*
>
> *A :*
> *Le le dawk tajtomlok xoghol hanini qatt ma tlabtek xejn ....*

Il-Qorti tqis illi l-pretensjoni li qed jaghmel il-konvenut messha saret permezz ta` kontrotalba fil-kawza tal-lum ghaliex din il-Qorti kienet tkun il-

forum opportun sabiex tqis il-pretensjoni tal-konvenut mhux daqstant biex jirribatti l-jedd tal-attrici ghal servigi izda biex jikkontesta l-quantum. Ghal raguni li jaf il-konvenut wahdu, baqa` ma pprezentax kontrotalba u minflok ghamel kawza ad hoc fejn irreklama l-ispejjez li semma fil-kawza tal-lum sabiex jiddefendi ruhu ghall-fini ta` quantum. Il-Qorti dan tghidu wara t-talbiet li ressaq il-konvenut fil-kawza fl-ismijiet *Christian Zammit vs Jeanne Borg (Rik. Gur. Nru. 245/2017 JPG).* In vista tal-ghazla li ghamel il-konvenut, din il-Qorti hija prekluza milli tistharreg fil-kawza tal-lum il-pretensjoni tieghu ghal flus sborsati favur l-attrici.

**It-talba attrici ghal-likwidazzjoni tal-kumpens tirrigwarda servigi rezi fuq <u>medda ta` tlett snin</u> (mhux tlett snin u nofs jew erba` snin hekk kif inghatat l-impressjoni waqt il-gbir tal-provi).**

Diversi kienu l-persuni li gabet bhala xhieda l-attrici. Dawn ikkonfermaw l-prezenza **<u>attiva</u>** taghha fil-hanut li kienet vtestendi ghall-qadi tal-klijenti u l-gestjoni tan-negozju.

L-attrici pprezentat dokumenti li juri li hafna drabi hija kienet anke taghmel l-ordnijiet u tikkomunika ma` l-agenti (ara fol 42 sa fol 70).

Hemm ukoll qbil bejn il-kontendenti li l-attrici kienet tkun fil-hanut madwar siegha u nofs filghodu u madwar saghtejn jew saghtejn u nofs fil-ghaxija, kif ukoll li gieli kienet taghmel xi *deliveries*.

L-attrici ma pprezenta ebda prospett sabiex tikkwantifika l-pretensjoni taghha.

Madanakollu jirrizulta li ghad hemm fis-sehh mandat ta` sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta` EUR 28,000.

Il-Qorti tishaq illi hija marbuta bil-parametri ta` l-azzjoni.

Kif diga` osservat aktar kmieni meta ttrattat il-gurisprudenza, il-kumpens ghal servigi solitament jkun zghir u bil-wisq `il boghod mill-aspettativi tal-attrici.

Il-quantum bil-wisq jiddependi fuq in-natura tas-servigi.

Fir-rikors guramentat, l-attrici tghid illi kienet tipprovdi servigi lill-konvenut fuq medja ta` 36 siegha fil-gimgha.

Waqt id-deposizzjoni taghha, l-attrici xehdet li hija kienet taghmel xoghol *part time* fil-hanut ossija medja ta` 20 siegha fil-gimgha.

Irrizulta ppruvat illi l-attrici kellha impjieg *full time* ma` terzi u mhuwiex fattwalment possibbli li kienet taghti lill-konvenut medja ta` 36 siegha servigi fil-gimgha.

**Il-Qorti taghzel li toqghod fuq il-probabbli.**

**Sejra toqghod fuq prestazzjoni ta` servigi ta` 20 siegha fil-gimgha fuq medda ta` 3 snin.**

Tirrespingi bhala nfondata l-pretensjoni tal-konvenut illi nofs il-hin li kienet taghmel fil-hanut kien sabiex tirrimedja ghat-traskuragni ta` ohtha. Indipendentement mir-relazzjoni li kellu mal-attrici anke meta kollox kien ward u zahar, xejn ma kien izomm lill-konvenut illi jtemm l-impieg ta` oht l-attrici ghal ragunijiet li fil-fehma tieghu kienu gusti u bizzejjed. Din il-Qorti difficli tnizzilha *da che mondo e` mondo* li l-attrici kienet sejra tkidd lilha nfisha u tirrinuzja ghall-hin liberu taghha biex takkomoda t-traskuragni ta` ohtha !

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom is-servigi partikolarment il-fatt li l-attrici kienet ilha s-siehba tal-konvenut ghal ghaxar snin.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ir-rati li bihom jithallsu persuni li jkunu impjegati.

Fl-istess waqt qieset ukoll li din tal-lum mhijiex azzjoni ta` impjegat kontra principal ghall-hlas ta` paga izda azzjoni ghal servigi.

**Wara li hasbet fit-tul, il-Qorti sejra tillikwida *arbitrio boni viri* kumpens fl-ammont ta` <u>€12,500</u> (u cioe` €4 x 20 x 52 x 3 arrotondati).**

Fuq nota finali, il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti ezebiti a fol 71 sa 84 li minnhom jirrizulta li l-attrici kienet tircievi korrispondenza destinata ghall-konvenut fir-rigward tas-servizzi tat-telefon, dawl u ilma, kif ukoll ghal merkanzija minghand FGl Entertainment Limited. Fix-xiehda taghha, l-attrici tghid illi gieli hallset xi kontijiet minn taghha. Madanakollu, din l-allegazzjoni mhijiex ippruvata sodisfacentement, peress li d-dokumenti ezebiti ma jammontawx ghal prova li effettivament kien isir xi tip ta` hlas mill-attrici de proprio. Ghalhekk il-pretensjoni qeghda tkun respinta.

## V. <u>L-imghax</u>

Fir-rikors guramentat, l-attrici talbet li l-imghax legali jibda jiddekorri mid-data ta` l-ittra ufficjali bin-numru 4124/2016 datata 16 ta` Dicembru 2016.

Fil-kaz odjern, kopja ta` din l-ittra ufficjali ma kenitx esebita.

Fl-istess waqt sejra tqis li kien hemm din l-ittra ufficjali billi taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Edwidge armla minn Roger Camilleri vs Gaetano Debattista noe et</u>**' fejn inghad hekk :-

> *Ma jidherx li ghandu ghalfejn ikun wisq kontrovers illi kwalunkwe skritturi jew atti gjacenti fir-Registru jew fl-Arkivjutal-Qorti u li ghalihom ikun irrefera xi wiehed mill-kontestanti jistghu b`semplici riferiment iservu biex jistruwixxu kawza ohra. Li jfisser allura li m`hemmx il-htiega assoluta tal-esebizzjoni formali taghhom jew tal-allegazzjoni tal-proceduri fl-istanza li tkun qed tigi dibattuta u trattata….Ikun formalizmu esagerat jew spropozitu zejjed li jigi ritenut li t-tribunal ma ghandux, anke b`semplici riferenza, li del resto ma tirrikjedi l-ebda forma, jezamina atti ta` procedimenti ohra, meta l-fatti jkunu ta` siwi ghal kaz ezaminat. Fir-rigward insibu l-pronunzjament fil-kawza riportata a Vol XXXIV pII p490 fejn a propozitu gie deciz illi "il-provi li jkunu saru f`kawza civili, u li jkunu ddimostraw l-ezistenza ta` fattijiet determinanti, huma attendibbli u jistghu jigu nvokati f`gudizzju iehor susssegwenti bejn l-istess partijiet fejn titwieled*

*disputa dwar l-istess fattijiet, minghajr ma jkun hemm bzonn li f`dak il-gudizzju sussegwenti jirrepetu ruhhom dawk il-provi; purke pero` dawk il-provi jkunu saru u ngabu fil-kontradittorju ta` l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forma li trid il-ligi."*

Fl-ittra ufficjali ma kienx hemm indikat ammont pre-likwidat li kienet qed tippretendi l-attrici ; infatti fl-ittra ntalbet il-likwidazzjoni u l-hlas ta` ta` kumpens ghal servigi resi lill-konvenut. Lanqas fir-rikors guramentat, ma saret talba ghall-hlas ta` ammont specifiku billi anke hawn il-Qorti kienet mitluba taghmel likwidazzjoni.

Premessi dawn il-fatti, il-gurisprudenza hija konkordi fis-sens li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, ossija mid-data fejn l-ammont dovut ikun gie likwidat.

Il-principju tad-dritt huwa *in illiquidis non fit mora.*

Taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet '**Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi**' fejn inghad hekk :-

*Il-provvedimenti legali li jirregolaw din il-kwistjoni insibuhom fl-artikoli 1139 et sekwitur tal-Kodici Civili.*

*L-Artikolu 1139 jiddisponi li "jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta` l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

*L-Artikolu 1141 jiddisponi li :*

*(1) "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, limghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li lobbligazzjoni kellha tigi ezegwita."*

*(2) "F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni."*

*Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta` danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta` obbligazzjoni meta l-oggett ta` l-obbligazzjoni jkun hlas ta` somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe` jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, huwa determinat fl-artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat.*

*Issa fil-kaz in ezami l-ammont dovut bhala manteniment gie biss determinat u likwidat fis-sentenza appellata u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx takkorda mghax middata tal-presentata tac-citazzjoni billi f`dak il-mument lammont kien ghadu mhux determinat. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat…"*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Simon Spiteri vs Lawrence Farrugia'.**

**Fid-dawl ta` dawn l-insenjamenti, il-Qorti sejra tapplika l-principju ta` *in illiquidis non fit mora* u tordna li l-imghax jibda jiddekorri b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni eccezzjonijiet stante illi dawn kienu rtirati fil-mori tal-kawza.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tillikwida l-kumpens dovut lill-attrici ghas-servigi resi lill-konvenut fl-ammont ta` tnax-il elf u hames mitt Ewro (€12,500).**

**Tilqa` t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat ta` tnax-il elf u hames mitt Ewro (€12,500) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez ta` din il-kawza u l-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-26 ta` Dicembru 2016 bin-numru 4124/2016.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**